**Il-Gimgha 28 ta' Gunju, 2002**

# L-Irlandizi fuq it-tmun

Fil-Gimghat li ghaddew, tkellimt dwar is-sitwazzjoni fl-Irlanda. Dan ghax fil-migja ta' Pat Cox f'pajjizna, ikkwotata wkoll f'gazzetti Irlandizi, tefghetilna harsitna lejn l-Irlanda li, bla dunju ta' xejn hi pajjiz li qed jispikka ferm aktar mid-Danimarka, bhal l-pajjiz li qed jissielet l-ahhar taqtigha ghall-ugwaljanza bejn l-istati membri ta' l-Unjoni.

L-Importanza ta' l-Irlanda kibret u se terga' tikbre f'ghajnejn il-mexxejja Ewropej. Il-politika interna taghha tikkoncerna lil kull Ewropew u daqshekk tikkoncerna lill-Irlandizi stess. Ghal darb'ohra ghalhekk, tajjeb li nergghu nippruvaw nifhmu l-importanza tar-referendum Irlandiz, anki fid-dawl tar-rizultati ta' l-elezzjoni generali Irlandiza li saret nhar is-17 ta' Mejju li ghadda.

Ta min jaghti rendikont tar-rizultati ta' l-elezzjoni generali ghall-elezzjoni tal-Gvern nazzjonali Irlandiz. L-idea li t-tieni referendum dwar Nizza biex iwaqqa' l-le ta' l-ewwel referendum, isir ma' l-elezzjoni generali, mietet fuq fommha ghalhekk kienet ukoll giet suggerita originarjament.

Ghalhekk l-elezzjoni giet ivvotata fuq affarijiet interni biss. Imma, aktar kemm imur, kif wiehed jista' jobsor, bhala pajjiz membru ta' l-Unjoni, l-affarijiet interni ta' pajjiz u l-affarijiet esterni jibdew verament isiru haga wahda u mhux facli tifridhom minn xulxin. Hekk ukoll gara fil-kaz ta' dawn l-elezzjonijiet generali Irlandizi.

Fost il-partiti principali li kkontestaw l-elezzjonijiet, kien biss il-Gvern precedenti, il-partit Fianna Fail, immexxi minn Bertie Ahern, li zied xi siggijiet anki minhabba s-sistema ta' rapprezentazzjoni proporzjonali li tezisti fl-Irlanda.

Ahern ghalhekk gie kkonfermat Taoiseach (Prim Ministru ta' l-Irlanda). Il-Fianna Fail hu partit favur l-Unjoni u r-ratifikazzjoni ta' Nizza. Dan il-partit imma, mhux nieqes minn kontroversji politici.

Kontroversjali, per ezempju, kienet id-dikjarazzjoni ta' wiehed mill-Ministri ta' Ahern, Eamon Cuiv, dixxendent tal-fundatur ta' l-istess partit li ddikjara pubblikament, li vvota kontra r-referendum ta' Nizza, ghalkemm il-partit tieghu hu favur.

Partit iehor ta' importanza, li hu favur ir-ratifikazzjoni ta' Nizza hu l-Fina Gael, immexxi minn John Burton. Dal-partit naqqas kwazi nofs is-siggijiet li kellu fil-Parlament ta' qabel.

Fost dawk li tilfu s-siggu parlamentari taghhom, minn dan il-partit, kien hemm Alan Dukes mexxej ta' qabel tal-partit, li sal-lum hum inn ta' quddiem minn dawk li qeghdin imexxu l-kampanja 'iva' fl-Irlanda.

It-tielet l-ikbar partit b'politika favur, hu l-Partit Laburista li wkoll mar hazing. Dick Spring, ex-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, ma teleax u l-mexxej tal-partit innifsu. Ruairi Quinn, tela' ghal ftit voti.

Min-naha l-ohra, il-partiti li kienu kontra r-ratifikazzjoni ta' Nizza ziedu fis-siggijiet. Il-Partit tal-Hodor minn zewg siggijiet, tela' ghal sitt siggijiet waqt li s-Sinn fein, li issa qed jikseb aktar popolarita', minn siggu wiehed tela' hames siggijiet. Barra minn hekk, diversi kandidati indipendenti li jiddikjaraw ruhhom fuq in-naha tal-le vis-à-vis ir-referendum ukoll kisbu siggu fil-Parlament Irlandiz (Dail).

Dawn iwassal biex minn 166 siggu li minnu jikkonsisti l-Parlament Irlandiz, 15 kienu mehudin ghall-ewwel darba minn partiti kontra Nizza apparti diversi kandidati indipendenti u backbenchers u ministri minn partiti ohra kbar, specjalment Fianna Fail, il-partit ta' Bertie Ahern innifsu.

Meta l-ewwel referendum ta' Nizza gie rrifjutat mill-poplu Irlandiz, l-ammont ta' siggijiet fil-Parlament Irlandiz li kienu kontra kien biss ta' 5 membri parlamentari. Nizza 2 se jsir bi 15 il-membru parlamentari b'politika kontrih. Id-data prevista ghat-tieni referendum dwar Nizza hi f'Ottubru.

M'ghandniex xi nghidu l-kampanja biex kemm jista' jkun ir-rizultat tar-referendum Irlandiz li jmiss tkun iva, hija kbira u qawwija. Il-pressjoni mill-Unjoni fuq il-Prim Ministru Irlandiz hija evidenti. Il-Kummissjonarju Iralndiz Byrne widdeb lill-politici kif ukoll il-poplu Irlandiz, bla ebda kundizzjoni li m'hemmx triq ohra hlief li jivvutaw iva fir-referendum li jmiss. Dan minkejja l-fatt li Prodi nnifsu sostna li r-ratifikazzjoni ta' Nizza mhix necessarja biex isir it-tkabbir ta' l-Unjoni.

Min-naha tax-xettici Francizi t-tieni referendum qed jitqies bhala hela ta' flus il-poplu ghall-iskopijiet ta' l-Unjoni. Ghax jirragunaw li: m'hemm l-ebda skop f'li jsir referendum gdid jekk mhux il-poplu jerga' lura minn kelmtu!

Zgur li mhux qed isir referendum biex ir-rizultat tieghu, hu x'inhu, jigi acettat. Allura r-referendum hu diskriminatorju abinitio.

Kieku kien hemm xi cans li jigri x'jigri r-rizultat jigi accettat, allura seta' ma' l-ewwel jigi accettat ir-rizultat ta' l-ewwel referendum.

Huwa referendum li ma jarax triq ohra hlief risposta ta' iva – meta ghal x'hiex qed taghmlu? Hu ghalhekk li minn hafna huwa meqjus bhala diskriminatorju, illegaliu anti-demokratiku.

Biss biss qed jaghti t-tieni opportunita' lil min jivvota' iva fl-ahhar referendum biex jerga' jivvota iva ghat-tieni darba waqt li l-uinka opportunita' li qed jaghti lil min kien ivvota le, hi li jdur lura minn kelmtu.

Qajla nafu x'se jigri jekk il-poplu Irlandiz jerga' le ghax hu evidenti wkoll li f'dal-kaz l-Unjoni m'ghandhiex 'fall back position'.

Manuvra biex ma jsirx iffinanzjar tan-No side mill-Gvern saret billi tnehha l-obbligu lin-National Referendum Statutory Commission li tinforma lill-poplu bl-argumenti kemm tan-naha ta' l-iva kif ukoll tal-le.

Dan billi n-naha tal-Le tkun dejjem zvantaggjata finanzjarjament, allura jekk iz-zewg nahat jithallew jissieltu bil-mezzi finanzjarji taghhom, ta' l-Iva dejjem se tirbah.

Ta' min izid li biex din l-emenda ghaddiet mill-Parlament, it-tliet stadji li minnhom suppost tghaddi, saru kollha f'gurnata wahda, l-ahhar gurnata ezatt qabel ma l-Parlament beda l-btajjetl tal-Milied, halli l-ebda membru Parlamentari ma jkollu cans jahsibha u ma jaccettax l-emenda.

Il-pressjoni mill-Unjoni hi wahda daqskemm sfaccata daqshekk iehor iddisprata. Kif ghedt qabel l-Unjoni stess, qiegheda tpoggi lilha nfisha bla ebda alternattiva, ghalkemm alternattivi jezistu.

Imma billi l-ghamad ta' min imexxi l-Unjoni jhalliha tara vista wahda biss, l-alternattivi l-ohra, per ezempju li Nizza jigi ri-negozjat li jibqa' japplika t-Trattat ta Amsterdam qed jintnesew.

Hi tip ta' 'injoranza' li tista' tahkem biss lil min hu supperv u min jahseb li hu biss jaf xi hava u lill-ohrajn jirredikolahom. U sfortunatment fl-Unjoni l-ghamad ta' l-arroganza hu omni-prezenti u kontaggjuz.